# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru 2017**

**Rikors Ġuramentat Numru: 107/2016 PC**

**Għaqda tal-Produtturi Gaulos**

**vs**

**Direttur tal-Agrikoltura; u**
**Segretarju Permanenti fil-Ministeru**
**għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u**
**Tibdil fil-Klima għal kull interess li jista' jkollu**

***sentenza preliminari***

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-għaqda attriċi, wara li ppremettiet:

Illi l-Għaqda tal-Produtturi Gaulos hija reġistrata bin-numru wieħed (1) bħala Organizzazzjoni tal-Produtturi mad-Direttorat tal-Agrikolutra;

Illi oriġinarjament din l-Organizzazzjoni kienet magħrufa bħala "Organizzazzjoni tal-Produtturi/Koperattiva Agrikola Ħaxix u Frott Frisk Għawdixja Gozitano Limitata" imma dan l-isem kien inbidel għal "Għaqda tal-Produtturi Gaulos" b'deċiżjoni u approvazzjoni tal-awtorita' kompetenti tat-12 ta' Ġunju 2012;

Illi f'dan l-aħħar jiem u preċiżament fid-disgħa (9) ta' Diċembru 2016, l-esponenti ġiet innotifikata b'avviż għal arbitraġġ ippreżentat mill-intimat **Segretarju Permanenti** fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tirbdil fil-Klima kontra tagħha u oħrajn bir-referenza 4920/2016, u fost id-dokuemnti ppreżentati mir-rikorrenti f'dak l-arbitraġġ hemm kopja ta' ittra allegatament mibgħuta fis-7 ta' Novembru 2012 mill-intimat Direttur tal-Agrikoltura lil "Dr. Joseph Grech, General Manager, Gozitano Producer Organistaion, Gozitano Complex, Mġarr Road, Xewkija, Gozo".

Illi fit-termini ta' din l-ittra l-intimat Direttur tal-Agrikoltura suppos kien qed jgħarraf lil "Gaulos (formerly known as Gozitano) ... Producer Organisation" li huwa kien qiegħed jiritra r-rikonoxximent ta' dik l-Organizzazzjoni bħal Proganizzazzjoni ta' Produtturi;

Illi din l-ittra hija rrita u nulla u ma tista' qatt tagħmel stat fil-konfront tal-esponenti għal diversi raġunijiet kif sejjer jiġi spjegat hawn taħt;

Illi fl-ewwel lok, din l-ittra hija indirizzata lil Organizzazzjoni u ċioe' "Gozitano Producer Organisation" illi m'hijiex l-esponenti u lanqas biss kienet teżisti dakinhar li ntbagħtet l-ittra;

Illi fit-tieni lok, din l-ittra hija indirizzata lil persuna, Dr. Joseph Grech, li, kuntrarjament għal dak indikat fl-ittra, qatt ma kien General Manager tal-esponenti u anqas biss qatt ma kien impjegat mal-esponenti;

Illi fit-tielet lok, f'dak iż-żmien li ntbagħtet l-imsemmija ittra, l-imsemmi Dr. Joseph Grech ma kellux u ma kienx igawdi r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-esponenti;

Illi fir-raba lok, din l-ittra baqgħet qatt ma ġiet innotifikata lill-esponenti;

Illi, għalkemm ittra innifisha, l-intimat Direttur tal-Agrikolutrua jirrikonoxxi li l-isem tal-Organizzazzjoni tal-Produtturi kien inbidel għal "Għaqda tal-Produtturi Gaulos" huam ma ndirizzax l-ittra lill-esponenti u lanqas lil xi persuna li, skont l-istatut tagħha jew skont il-liġi, kellha r-rappreżentanza ġudizzjarju tagħha;

Illi fid-dawl tal-fatt li ġie ppreżentat l-arbitraġġ hawn fuq riferit fl-ismijiet "Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima vs Organizzazzjoni tal-Produtturi/Koperattiva Agrikola Ħaxix u Frott Frist Għawdxija Goziatno Limitata" Arbitraġġ Nru. 4920/2016, u wkoll li r-rikorrenti f'dak l-arbitraġġ qiegħed jibbaża ruħu fuq l-eżistenza ta' din l-ittra sabiex isostni t-talbiet tiegħu f'da l-arbitraaġġ, l-esponenti għandha interess li tottjeni dikjarazzjoni tan-nullita' ta' dik l-ittra u tal-fatt li din ma tistax tagħmel stat fil-konfront tagħha;

Illi l-esponenti tiddikjara wkoll li, sabiex tevita kull possibbilita li dik l-ttira jkollha xi effett vinkolanti fuqha, hija qiegħda kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat tippreżenta appell kontra tagħha quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u tixtieq tissenjala l-fatt li dawn iż-żewġ proċeduri huma intiżi sabiex jimxu separatament, mingħajr ma waħda minnhom tippreġudika lill-oħra.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjra illi l-ittra tas-7 ta' Novembru 2012 hija irrita u nulla u ma tista' qatt tagħmel stat fil-konfront tal-esponenti għar-raġunijiet kollha hawn fuq indikati u għal dawk ir-raġunijiet l-oħra kollha li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors ġuramentat.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni li għaliha minn issa intom inġunti.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi l-bażi legali tal-azzjoni tar-rikorrenti hija pjuttost vaga u minħabba f'hekk l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-istess rikorrenti sabiex tispeċifika eżattament taħt liema artikolu fil-liġi, ir-rikorrenti qiegħda tibbaża l-azzjoni tagħha u fuq liema artikolu tal-liġi hija qiegħda isejjes it-talbiet tagħha u f'dan ir-rigward meta r-rikorrenti tottempra ruħa ma dan, l-esponenti jirriżervaw li jirrispondu ulterjorment jekk jkun il-każ;

2. Illi preliminarjament ir-rikorrenti intavolat proċedura ġudizzjarja oħra quddiem l-Onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-ismijiet l-**Għaqda tal-Produtturi Gaulos vs. Direttur tal-Agrikoltura Rikors Nru. 2/2016** u dan sabiex tħassar u tirrevoka l-ittra ta 9 ta' Novembru 2012 mibgħuta lil Gaulos Producer Organisation mill-esponent Direttur tal-Agrikoltura;

3. Illi għaldaqstant ir-rikorrenti qiegħda tfisser l-istess talba tagħha fir-Rikors Ġuramentat in risposta billi tittenta li ġġib dikjarazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti fis-sens illi l-ittra surreferita tiġi dikjarata bħala rrita u nulla;

4. Illi kemm fir-**Rikors Nru. 2/2016 fl-isimijiet Għaqda tal-Produtturi Gaulos vs. Direttur tal-Agrikoltura** intavolat quddiem l-Onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, kif ukoll fir-Rikors Ġuramentat in risposta quddiem din l-Onorabbli Qorti r-rikorrenti qiegħda tidikkjara illi hija qatt ma ġiet notifikat bl-ittra ta' 9 ta' Novembru 2012. F'entrambi proċeduri r-rikorrenti tiddikjara illi saret taf bl-eżistenza tal-istess ittra permezz tal-Arbitraġġ b'referenza 4920/2016 u għalhekk abbażi ta' din l-allegazzjoni qiegħda tittenta li tannulla l-ittra fil-konfront tagħha;

5. Illi bir-rispett dovut imma is-senjalazzjoni tar-rikorrenti illi dawn iż-żewġ proċeduri huma intiżi biex jimxu separatament, mingħajr ma waħda tippreġudika l-oħra ma treġġix. Dan għaliex dak li finalment qiegħed jiġi mitlub hija l-istess talba biex l-ittra ta' 9 ta' Novembru ma jkolliex aktar effett fil-konfront tar-rikorrenti;

6. Illi għaldaqstant l-esponenti jitolbu illi l-atti fil-proċeduri ġudizzjarji fl-ismijiet **Għaqda tal-Produtturi Gaulos vs. Direttur tal-Agrikoltura Rikors Nru 2/2016** quddiem l-Onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jiġu allegati mal-atti tal-kawża odjerna;

7. Illi meta wieħed jqis illi fir-rikors tagħha (2/2016) intavolat quddiem l-Onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva r-rikorrenti tagħmel referenza għal-Kap. 447 u 490 tal-liġijiet ta' Malta fejn l-artikolu 18 (1) tal-istess Kap jagħti ġurisdizzjoni lil dak l-Onorabbli Tribunal jisma' allegati agravvji jew lanzjani fil-konfront ta' xi għaqda tal-produtturi akkawża ta' deċiżjoni meħuda mid-Direttur ikkonċernat, L-esponenti jinsabu skantati kif ir-rikorrenti intavolat proċeduri ġudizzjarji quddiem din l-Onorabbli Qorti li bir-rispett dovut m'għandhiex ġurisdizzjoni tisma tali lanzjanzi u wisq anqas tilqa t-talbiet tar-rikorrenti;

8. Illi aktar minn hekk, ir-rikorrenti qiegħda tittenta li tikseb dikjarazzjoni mingħand din l-Onorabbli Qorti għas-sempliċi raġuni illi l-proċeduri ġudizzjarji quddiem l-Onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa ġew intavolati fuori termine u dan kif spjegat fir-risposta fl-atti tal-proċeduri ġudizzjarji **Rikors Nru 2/2016**. Għaldaqstant ir-rikorrenti qiegħda tipprova b'dawn il-proċeduri ġudizzjarji odjerni tegħleb in-nuqqas li joħroġ mil-proċeduri intavolati quddiem l-Onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-ismijiet **Għaqda tal-Produtturi Gaulos vs. Direttur tal-Agrikoltura Rikors Nru. 2/2016**. Din l'għażla tar-rikorrenti hija waħda skoretta u m'għandiex tiġi akkolta;

9. Illi fid-dawl tar-raġunijiet suesposti, l-esponenti qegħdin bl-akbar rispett jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti *stante* illi:

   i. Fl-ewwel lok din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni ta' talba hekk kif dedotta mir-rikorrenti *stante* illi l-Onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa huwa vestit bil-ġurisdizzjoni neċessarja sabiex jagħmel dik id-dikjarazzjoni u dan kollu ai termini tal-artikolu 18 (2) tal-Kap. 447;

ii. Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost ġialadarba t-talbiet fir-**Rikors Nru 2/2016** quddiem l-Onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u fir-Rikors Ġuramentat in risposta huma imsejsa fuq l-istess raġunijiet, l-esponent ma jarax għalfejn din l-Onorabbli Qorti m'għandiex tiskarta din it-talba quddiemha; jew fin-nuqqas ta' dan, tistenna l-eżitu tal-kawża **Rikors nru 2/2016.**

<u>Eċċezzjonijiet fil-Mertu</u>

1. Illi *dato ma non concesso* li l-eċċezzjonijiet preċedenti ma jiġux akkolti, fir-rigward tal-mertu l-esponenti jirrilevaw illi l-ittra mibgħuta fis-7 ta' Novembru 2012 lil Dr. Joseph Grech bħala *General Manager* tal-Għaqda Produtturi Gaulos ġiet debitament notifikata lis-soċjeta' rikorrenti fid-9 ta' Novembru 2012 u dan kif indikat f'kopja tal-*pinkcard* ta' l-istess ittra (hawnhekk annessa u mmarkata bħala **Dok DAP 1**);

2. Illi fl-istess ittra l-esponent Direttur tal-Agrikoltura jindika b'mod ċar li ma iħalli l-ebda dubju għall-interpretazzjoni illi l-ittra hija indirizzata lil "*Gaulos Producer organisation formerly known as Gozitano*" u dan kif qiegħed jiġi riprodott hawn isfel minn siltiet tal-istess ittra:

   *"By the present notification, the Agriculture Directorate as the Competent Authority for the recognition of Producer Groups and producer organisation is notifying you that the recognition of* ***<u>Gaulos (formerly k/a Gozitano)</u>*** *as a producer organisation is hereby being withdrawn..."* **(Sottolinjar tal-esponenti)**

   *"From the findings of the Competent Authority, on the basis of documentation submitted by* ***<u>Gaulos (formerly k/a Gozitano)</u>*** *and following various communications and discussions with yourself, it has emerged that* ***<u>Gaulos (formerly k/a Gozitano)</u>****..."* (**Sottolinjar tal-esponenti)**

   Għaldaqstant l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-ittra hija rrita u nulla u ma tista' qatt tagħmel stat fil-konfront tar-rikorrenti *stante* illi *Gozitano Producer Organisation* mhuwiex l-isem tar-rikorrenti u ma kienitx teżisti dakinhar li intbagħtet l-ittra hija infondata u ma treġġix għaliex hemm referenza ċara illi l-ittra hija indirizzata lil "***Gaulos formerly known as Gozitano Producer Organisation"***;

3. Illi fit-tieni lok, ir-rikorrenti tallega illi Dr. Joseph Grech jiġifieri d-destinatarju tal-istess ittra surreferita ma kienx *General Manager* tar-rikorrenti u lanqas biss qatt kien impjegat mar-rikorrenti. Din id-dikjarazzjoni hija inveritiera għall-aħħar. L-esponenti jagħmlu referenza għal ittra mibgħuta mir-rappreżentant legali tar-rikorrenti fl-

14 ta' Jannar 2013 lil Mr. Kenneth Cassar bħala segretarju tal-*Producer organisation Board (Agriculture directorate).* F'din l-ittra hemm referenza ċara għal ittra datata 7 ta' Novembru 2012 b'referenza għal *withdrawal of recognition as a producer organisation* u fejn jiġi indikat ukoll illi l-istess rappreżentant legali tal-Għaqda tal-Produtturi Gaulos qiegħed jitkellem għan-nom u rappresentanza ta' Joseph Grech fost klijenti oħra (hawnhekk annessa u mmarkata bħala **Dok DAP 2**):

*"I write on behalf of Gaulos Producer organisation formerly known as Gozitano and this with reference to the letter dated 8th November 2012 where you informed* ***my clients*** *that you were withdrawing the recognition as a producer organisation..."* **(Sottolinjar tal-esponenti)**

*"****My Client*** *was made aware during a meeting held with Dr. Christopher Ciantar, Permanent Secretary in the Ministry of Resources and Rural Affairs that the Board felt that there were some issues which had to addressed."* **(Sottolinjar tal-esponenti)**

*"****My Client*** *would like to point out that it has abided by these recommendations..."* **(Sottolinjar tal-esponenti)**

Illi għalhekk ma jistax jingħad illi Dr. Joseph Grech li effetivament kien *General Manager* tal-għaqda surreferita ma kien qatt impjegat tar-rikorrenti *stante* illi l-istess rappreżentant tiegħu kiteb għan-nom tiegħu in rappreżentanza ta *Gaulos Producer organisation*. Mhux talli hekk, ir-rappreżentant indika ukoll illi Dr. Joseph Grech allegatament kien mexa ma rakommandazzjonijiet tal-Awtorita' Kompetenti u li filfatt huwa bħala rappreżentant tal-Għaqda surreferita appella id-deċiżjoni meħuda fl-ittra ta' 9 ta Novembru 2012 għal diversi raġunijiet.

4. Illi *di piu'* l-ittra ta' 14 ta' Settembru 2012 mibgħuta minn Dr. Joseph Grech lill-Ministeru Għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u ffirmata minn innifsu bħala '*Manager*' ta *Gaulos Producer Organisation* li qabel kienet magħrufa bħala *Gozitano Producer Organisation* tindika b'mod ċar illi Dr. Joseph Grech jokkupa il-posizzjoni ta' *General Manager* tal-Għaqda Surreferita (hawnhekk anness u mmarkat bħala **Dok Dap 3**);

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u jekk għal grazzja tal-argument *dato ma non concesso* wieħed iqis li Dr. Joseph Grech mhuwiex vestit bir-rappreżentanza ġudizzjarja tar-rikorrenti, din l-assunzjoni mhux ta' rilevanza għaż-żewġ raġunijiet segwenti:

   i. l-ittra tad-9 ta' Novembru 2012 ġiet mibgħuta lil Dr. Joseph Grech bħala rappreżentant tal-għaqda surreferita turi li ċertament kien jokkupa il-kariga ta' *General Manager* tal-istess għaqda. Minħabba f'hekk ma kien jeżisti l-ebda bżonn jew dmir

da parti tal-esponenti illi jindirizzaw id-deċiżjoni tagħhom lill-persuna vestita bir-rappreżentanza ġudizzarja tal-istess għaqda;

ii. L-arbitraġġ li jsir referenza għalih fir-Rikors Ġuramentat in risposta (4920/2016) ġie indirizzat kontra ir-rikorrenti bħala President u Segretarju tal-Għaqda surreferita fost oħrajn u għaldaqstant ma jistgħax jingħad illi l-esponenti intavolaw xi proċeduri ġudizzjarji kontra Dr. Joseph Grech biss. L-esponenti bl-ittra ta' 9 ta' Novembru 2012 innotifikaw id-deċiżjoni tagħhom lir-rappreżentant tal-għaqda;

Għaldaqstant l-allegazzjoni tar-rikorrenti ma treġġix u hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

6. Ir-rikorrenti jallegaw illi l-ittra ta' 9 ta Novembru 2012 qatt ma ġiet notifikata lilhom. L-esponenti jerġgħu itennu illi din l-allegazzjoni qatt ma tista tkun kredibbli għas-sempliċi fatt illi l-ittra tal-14 ta' Jannar 2013 mibgħuta mir-rappreżentant legali tagħhom tagħmel referenza għal kelma "*clients*" (**Vide Dok Dap 2)**. Għaldaqstant joħroġ ċar illi dik l-ittra tagħmel referenza kemm għar-rikorrenti kif ukoll għal Dr. Joseph Grech;

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost m'huwiex id-dmir tal-esponenti illi jinnotifikaw kull persuna eżistenti u in rappreżentanza tal-Għaqda surreferita. Di fatti, l-esponenti ċertament għamlu dmirhom bl-akbar għaqla għaliex innotifikaw lil Dr. Joseph Grech, persuna li kien ċertament involut tista tgħid kważi kuljum fl-interessi ta *Gaulos Producer organisation* kif indikat fl-ittra tal-14 ta' Jannar 2013 fejn jingħad illi Dr Joseph Grech kien jattendi laqgħat mal-esponent (Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima) in vista tan-nuqqasijiet ta' *Gaulos Producer Organisation*;

8. Illi għaldaqstant l-ittra ta' 9 ta' Novembru 2012 hija waħda valida li tagħmel stat fil-konfront tar-rikorrenti u ma jeżisti l-ebda bażi legali biex tali ittra tiġi attakata bħala rrita u nulla mir-rikorrenti;

9. Għar-raġunijiet suesposti l-esponenti jirrespinġu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi u oħrajn li jistgħu jinġiebu fil-mori ta' dan ir-rikors ġuramentat l-esponenti qegħdin bl-akbar rispett jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk jkun il-każ.

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Mejju 2017 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-inkompetenza u *lis alibi pendens* mqajjma mill-konvenuti.

Rat in-Noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-għaqda attriċi qed tittenta tikseb dikjarazzjoni ta' nullita' rigward ittra mibgħuta mill-konvenuti fejn ġie dikjarat li kien qed jiġi rtirat ir-rikonnoxximent ta' "Gaulos" bħala organizzazzjoni ta' produtturi.[1] Din it-talba saret għad-diversi raġunijiet indikati fir-Rikors tagħha. Il-konvenuti eċċepew preliminarjament l-inkompetenza ta' din il-Qorti, u l-*lis alibi pendens*. Is-sentenza presenti hija limitata għad-deċiżjoni dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet.

Bl-ewwel eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti qed jargumentaw li l-materja in kwistjoni bħala deċiżjoni amministrattiva, li qed tiġi kontestata mill-għaqda attriċi bħala organizzazzjoni tal-produtturi, taqa' taħt il-kompetenza tat-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva, u in sostenn ta' dan jiċċitaw l-artikolu 18 tal-Kap. 447 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula:

" (1) It-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni li jisma' u jiddeċiedi appelli magħmula minn min iħoss ruħu aggravat b'xi deċiżjoni tad-Direttur, dwar l-għoti, ir-rifjut jew l-irtirar tar-rikonoxximent ta' organizzazzjoni tal-produtturi jew ta' assoċjazzjoni bejn il-fergħat interessati, jew ir-rifjut tad-Direttur għall-ħlas ta' kumpens għall-irtirar ta' prodotti mis-suq.

(2) It-Tribunal jista' jeħtieġ li dipartiment jew aġenzija tal-Gvern jagħti lit-Tribunal dik l-informazzjoni jew dak il-parir li t-Tribunal iqis li hu meħtieġ għall-qadi xieraq tal-funzjonijiet tiegħu.

(3) Appell minn deċiżjoni tad-Direttur kif imsemmi qabel għandu jsir permezz ta' rikors u għandu jiġi ppreżentat lis-Segretarju tat-Tribunal fi żmien għoxrin ġurnata mid-data minn meta l-imsemmija deċiżjoni tkun ġiet notifikata...."

Fil-każ in eżami pero', għalkemm jittratta deċiżjoni amministrattiva dwar irtirar ta' rikonoxximent ta' organizzazzjoni ta' produtturi, m'għandniex appell minn tali deċiżjoni, imma kontestazzjoni dwar il-validita' tal-ittra li fiha ġie dikjarat li qed jiġi rtirat dan ir-rikonoxximent. Kif indikat fil-bran hawn fuq ċitat mil-liġi, it-Tribunal imsemmi bħala tribunal speċjali mwaqqaf b'liġi partikolari għandu kompetenza limitata għal dak speċifikat fl-istess liġi, fil-każ in eżami għal appelli

[1] Ara Dok. A anness mar-Rikors Ġuramentat a fol. 5 tal-proċess

minn deċiżjonijet amministrattivi dwar ir-rifjut ta' rikonoxximent. Biex ikun jista' jieħu konjizzjoni ta' appell bħal dan, it-Tribunal irid ikollu quddiemu każ ta' deċiżjoni validament notifikata lill-organizzazzjoni appellanti, ħaġa pero' li għadha inċerta, u tista' tiġi deċiża biss minn din il-Qorti li għandha kompetenza residwa dwar l-azzjonijiet kollha mhux regolati b' xi liġi speċjali. Infatti a tenur tal-artikolu 50(2)(b) tal-Kap. 12, din il-Qorti għandha:

"attribuzzjoni superjuri, li bis-saħħa tagħha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, tieħu konjizzjoni tal-kawżi kollha tax-xorta ta' dawk illi, skont l-artikolu 32, huma ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili."

Intant l-artikolu 32(2) tal-istess Kodiċi jistipula li:

"Il-Qorti Ċivili taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali, u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom."

Għalhekk għamlet sew l-għaqda attriċi li ntavolt il-kawża tagħha quddiem din il-Qorti li, bħall-Prim'Awla, għandha l-kompetenza titratta l-materji kollha, mhux ta' kompetenza ta' xi Qorti, tribunal jew Bord ieħor, speċifikament indikati mil-liġi.

L-eċċezzjoni preliminari l-oħra tirrigwarda l-*lis alibi pendens* a tenur tal-artikolu 793 tal-kap.12. Din l-eċċezzjoni ngħatat għax l-għaqda attriċi fl-istess ġurnata li ppresentat din il-kawża, ntavolat appell quddiem it-Tribunal imsemmi rigward il-kontenut tal-ittra in kwistjoni.[2] Dwar eċċezzjoni bħal din ġie mfisser illi:

"*La litis pendenzia si verifica quando due azioni identiche sono proposte davanti a giudici diversi. E' necessario quindi che lo stesso diritto sia fatto valere in giudizio, tra le stesse parti, inanzi a due giudici diversi (identita' di soggetti, petitum, causa petendi). Quando vengono proposte contemporaneamente due azioni identiche, il legislatore impone di eliminare uno dei due processi sulla stessa controversia, per evitare uno spreco di attivita' processuale e sopratutto il pericolo di un contrasto di giudicati.*" [3]

Ġie spjegat mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward illi:

"*The plea is somewhat parallel with the plea of '**exceptio rei judicate**'. Just as a suit cannot be decided upon more than once, so also there cannot be at the same time more than one judicial relation between the same persons on the same merit, because this would imply a plurality of decisions on the same issue. The effect of the plea of '**litis pendentia**' in the words of section 792 of the Code of Organization and Civil Procedure is that the Court before which the second action is brought may order the suit to be remitted to the first Court. In fact,*

[2] Ara kopja ta' dan l-appell ippewentata mill-konvenuti permezz tan-Nota tat-22.05.2017, a fol. 41 - 45
[3] Diritto Processuale Civile: Edizioni Giuidiche Simone – ed. 2000, pag. 43 - 44

*doctrine and case law in the matter are to the effect that it is in fact mandatory for the Court to declare its own incompetence 'ex officio' if such plea is founded, in spite of the use of the word 'may' in the said section quoted herein.*

*The essential condition for this plea is the identity of the two actions which resulted from the identity of all the elements thereof, i.e. the paties, the subject-matter and the cause of the demand.*"[4]

Fil-każ in eżami, għalkemm m'hemm l-ebda kontestazzjoni li ż-żewġ proċeduri jinvolvu l-istess partijiet u t-tnejn jittattaw l-ittra mibgħuta mill-konvenuti, ma jistax jingħad li għandna wkoll l-istess *causa petendi*. Dan għaliex filwaqt illi fl-appell quddiem it-Tribunal Amministrattiv qed tiġi kontestata d-deċiżjoni meħuda mill-konvenuti li biha rtiraw ir-rikonoxximent tas-soċjeta' "Gaulos" bħala organizzazzjoni tal-produttui, fil-kawża presenti għandna kontestazzjoni dwar il-validita' din l-ittra *per se* , għax l-attriċi presenti tikkontendi, fost ħwejjeġ oħra, li din l-ittra ma ġietx indirizzata lilhom u l-anqas notifikata lil xi ħadd li kellu r-rappresentanza ġuridika tagħha. Għalhekk, għalkemm m'hawnx il-*litis pendentia,* ġialadarba qamet din il-kwistjoni, jkun prudenti li t-Tribunal Amministrattiv jistenna l-eżitu ta' din il-kawża qabel ma jipproċedi bis-smiegħ tal-appell pendenti quddiemu.

Għal dawn il-motivi, filwaqt illi tikkonfema l-kompetenza tagħha li tkompli tisma l-kawża presenti, tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti, kif ukoll l-eċċezzjoni l-oħra dwar il-*litis pendentia*, u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni.

L-ispejjeż jibqgħu riservati.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur



[4] Qorti tal-Kummerċ: Anatoli Reznikov et vs Nikoai A. Kotivov po et noe – 24.03.1994; kollez. Vol. LXXVIII.ii.174